**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 5 ta' Ġunju 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Constantin Ghioca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Constantin Ghioca**, iben Gheorge u Vasiliva nee` Radu, imwieled ir-Rumanija nhar it-3 ta' Awwissu 1969 u detentur tal-karta tal-identita Rumena R1690802292074 (PX413327)

Akkużat talli, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll fi ġranet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, dana:

1. Talli nhar il-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00) u s-sitta ta' wara nofsinhar (18:00) ġewwa Optika Opticians, Triq Sant'Andrija, San Giljan u/jew fi bnadi oħra tal-Gżejjer Maltin ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus ikkwalifikat bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-dannu ta' Optika Opticians u/jew entitajiet/entita` oħra u/jew lil persuna u/jew persuni oħra;
2. U aktar talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn il-ħdax ta' filgħodu (11:00) u s-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00) ġewwa Bortex Plaza ta' Tigne Point tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra tal-Gżejjer Maltin ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus ikkwalifikat bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-dannu ta' Roosendaal Trading Limited u/jew tal-istabbilment Bortex Group u/jew entitajiet/entita` oħra u/jew lil persuna u/jew persuni oħra;

3. U aktar talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għal ħabta ta' bejn nofsinhar (12:00) u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00) ġewwa Ralph Lauren, Tigne Point tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra tal-Gżejjer Maltin ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus ikkwalifikat bil-valur, liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-dannu ta' Roosendaal Trading Limited u/jew tal-istabbilment Ralph Lauren u/jew entitajiet/entita` oħra u/jew lil persuna u/jew persuni oħra;
4. Talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet ta' qabel irrifjuta li jagħti, jew ta falz, lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularitajiet oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija:

i. Tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
ii. Tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2024 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, wieġeb li huwa ħati għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem, bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti rat illi kemm il-prosekuzzjoni u kif ukoll id-difensur legali tal-imputat qablu li f'dan il-kaz għandha tiġi inflitta piena karċerarja effettiva. Il-prosekuzzjoni issottomettiet illi l-piena m'għandhiex tingħata fil-minimu jew lejn il-minimu ikkonsidrat iċ-ċirkostanzi tal-każ, filwaqt illi d-difiżi ssostni li l-piena għandha tingħata lejn il-minimu ikkonsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Din il-Qorti taqbel mal-prosekuzzjoni li f'dan il-każ piena fil-minimu mhijiex idoneja, minkejja l-ammissjoni bikrija tal-imputat. Mill-atti jirriżulta li l-imputat kien preparat biex jisraq, tant illi saħansitra kellu basket miksi bil-*foil* minn ġewwa sabiex ma jiskattax l-*alarm* meta joħroġ bl-oġġetti misruqa. L-imputat seraq minn stabbilimenti differenti, u fl-ebda ħin ma kkopera mal-pulizija wara li ġie arrestat. Inoltre, l-Qorti tosserva li wara li rreġistrat l-ammissjoni tiegħu l-imputat ingħata opportunita biex jirritorna l-oġġetti misruqa, u ġie spjegat lilu numru ta' drabi li fin-nuqqas li jirritorna l-oġġetti huwa kien ser jiġi ordnat mill-Qorti iħallas lill-vittmi l-valur ta' dawk l-oġġetti. Dan jagħti lil din il-Qorti x'tifhem li l-imputat ma jħoss l-ebda rimors għal dak li ġara, partikolarment ikkonsidrat li jidher li m'għandu l-ebda inklinazzjoni biex jagħmel tajjeb għad-danni li kkawża bl-aġir kriminuż tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(c), 267, 279 u 338(g) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal tnax -il xahar priġunerija.

Ai termini tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna lill-imputat sabiex iħallas lil:

i. Roosendaal Trading Limited is-somma ta' elf u tnejn ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€1002.92); u
ii. Class Optical is-somma ta' disa` mija u wieħed u disgħin ewro (€991).

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur